MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 1165/2008

**Edward Pavia (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 228954M)**

***kontra***

**Dr. Richard Sladden u l-P.L. Veronica Rossignaud permezz ta' digriet datat 16 ta' Dicembru 2008 nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti tad-defunta Edmea Pace**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors guramentat presentat fil-21 ta' Novembru 2008 ai termini tal-Art. 258 u 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ir-rikorrent ighid testwalment hekk -

*1. Illi l-esponenti huwa kreditur ta' l-eredita' gjacenti ta' Edmea Pace f'diversi ammonti rapprezentanti spejjez u drittijiet gudizzjarji rizultanti minn taxxi ufficjali wara proceduri legali li kien hemm bejn il-partijiet ;*

*2. Illi b'kollox kien hemm tliet (3) kawzi bejn il-kontendenti u d-defunta Edmea Pace kienet dejjem sokkombenti ghall-ispejjez inkorsi f'dawn il-proceduri ;*

*3. Illi l-ewwel fost dawn il-proceduri kienet il-kawza fl-ismijiet "Edmea mart Francis Pace vs Edward Pavia" bin-numru tac-citazzjoni 1034/1987/JSP liema kawza giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti presjeduta mill-Emeritus Prim'Imhallef Joseph Said Pullicino nhar il-31 ta' Ottubru 1991. Din is-sentenza giet appellata mid-defunta Edmea Pace izda l-appell gie dikjarat dezert nhar il-25 ta' Novembru 1992 ;*

*4. Illi l-ispejjez dovuti lill-esponenti skond it-taxxa ufficjali fl-imsemmija kawza huma fl-ammont ta' mija wiehed u disghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€191.96) [ekwivalenti ghal tnejn u tmenin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm 82.41)] u dana skond it-taxxa ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala <u>Dokument EP1</u> ;*

*5. Illi t-tieni fost dawn il-proceduri kienet il-kawza fl-ismijiet "Edward Pavia vs Edmea Pace" bin-numru tac-citazzjoni 55/1998/FGC liema kawza giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Frank G. Camilleri nhar it-3 ta' Ottubru 1993. Is-sentenza moghtija giet appellata mid-defunta Edmea Pace izda l-appell gie dikjarat dezert nhar is-26 ta' Dicembru 1994 ;*

*6. Illi l-ispejjez dovuti lill-esponenti skond it-taxxa ufficjali fl-imsemmija kawza huma fl-ammont ta' sitt mija u tnax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu (€612.49) [ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 262.94)] u dana skond it-taxxa ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala <u>Dokument EP2</u> ;*

*7. Illi it-tielet procedura bejn il-kontendenti kienet il-kawza fl-ismijiet "Edmea Pace vs Edward Pavia" bin-numru tac-citazzjoni 1915/1999/JRM liema kawza marret dezerta fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Lulju 2008 ;*

*8. Illi l-ispejjez dovuti lill-esponenti skond it-taxxa ufficjali fl-imsemmija kawza huma fl-ammont ta' elfejn u sebgha u disghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€2097.66) u dana skond it-taxxa ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala <u>Dokument EP3</u> ;*

*9. Illi l-esponenti qatt ma ezegwixxa dawn it-taxxi ufficjali u llum ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin minn dakinhar li fih l-ewwel zewg taxxi ufficjali setghu jigu ezegwiti ;*

*10. Illi inoltre Edmea Pace mietet nhar it-2 ta' Lulju 2007. Mir-ricerki li ghamel l-esponenti l-imsemmija Edmea Pace ma hallietx werrieta u ghalhekk il-werriet taghha mhux maghruf. Inoltre u ghall-kompletezza, ir-rikorrenti gie informat informalment li jezisti testment permezz ta' liema l-imsemmija Edmea Pace istitwiet bhala eredi universali lis-Sorijiet Ursolini, ghalkemm dan ma rrizultax mir-ricerki li ghamel ir-rikorrenti, u li l-imsemmija Sorijiet Ursolini ghadhom ma ddikjarawx jekk hux behsiehom jaccettaw il-wirt ta' Edmea Pace ;*

*11. Illi ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi precedenti, ir-rikors odjern qieghed isir kontra kuraturi deputati skond ma jiddisponi l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*12. Illi l-esponenti ghandu kull interess illi t-taxxi ufficjali surreferiti jigu rezi ezegwibbli u fil-fatt jigu ezegwiti kontra l-eredita' gjacenti tad-defunta Edmea Pace ;*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jipprocedi sabiex jezegwixxi t-taxxi ufficjali imsemmija u annessi ma' dan ir-rikors ai termini tal-artikoli 258 u 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk*

*il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

**Rat** id-dokumenti esebiti mir-rikorrent mar-rikors promotorju.

**Rat** ir-risposta tal-kuraturi presentata fit-22 ta' Jannar 2009 li testwalment tghid hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposta taghhom fi stadju ulterjuri meta inter alia jiehdu konjizzjoni tal-atti kollha msemmija fir-rikors promotur inkluz ir-ricerki testamentarji ta' Edmea Pace ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux veru li l-eredita' ta' Edmea Pace hi gjacenti gjaladarba li l-eredi prezunti huma s-Sorijiet Ursolini u ghalhekk l-istess Sorijiet Ursolini ghandhom jigu notifikati bl-atti tar-rikors u moghtija terminu a tenur tal-ligi biex jiddikjaraw jekk se jaccettawx jew le l-eredita' u allura per konsegwenza l-hatra ta' kuraturi hija nulla u l-hatra taghhom ghandha tigi revokata ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxi ufficjali gjaladarba ma ngabrux fiz-zmien impost mil-ligi huma perenti ;*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba msemmija fir-rikors fl-ismijiet fuq premessi.*

**Rat** in-nota tar-rikorrent presentata fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2009 (fol 28) fejn kienu esebiti seba' dokumenti.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta' April 2009 (fol 56) fejn ordnat li jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Edmea Pace vs Edward Pavia" (Citaz. Nru. 1915/1999/JRM) li marret dezerta fit-23 ta' Lulju 2008.

**Rat** l-atti allegati ta' dik il-kawza.

**Rat** il-provi li ressaq ir-rikorrent.

**Rat** li l-intimati ma ressqux provi.

**Semghet** is-sottomissjonijiet bil-fomm tad-difensur tar-rikorrent li kienu traskritti wara li kienu registrati bit-tape.
**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

**Rat** in-nota tal-intimati fejn b'riferenza ghat-tielet eccezzjoni taghhom sostnew li l-azzjoni kienet perenta skond l-Art.2156(f) u Art.2149 tal-Kap.16.

**Rat** id-digriet taghha *in camera* tad-19 ta' Novembru 2009.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2010 fejn ghar-ragunijiet moghtija iddikjarat il-wirt ta' Edmea Pace bhala rinunzjat skond l-Art.868 tal-Kap.16, bil-konsegwenza li kienet konfermata l-hatra tal-kuraturi.

**Rat** id-digriet taghha moghti f'dik l-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tghid li bhala effett tad-digriet taghha tal-20 ta' Jannar 2010, ma hemmx lok li t-tieni eccezzjoni tal-kuraturi tinghata aktar konsiderazzjoni.

Mill-eccezzjonijiet l-ohra, l-unika li hija veljanti hija t-tielet wahda u cioe` - *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxi ufficjali gjaladarba ma ngabrux fiz-zmien impost mil-ligi huma perenti.* Jirrizulta li l-kuraturi qed jibbazaw din l-eccezzjoni partikolari fuq l-Art.2149 u 2156(f) tal-Kap.16.

Din il-Qorti se tittratta u tiddeciedi b'kap separat din l-eccezzjoni l-ewwel ghax, jekk dik l-eccezzjoni tkun

deciza favur ir-rikorrent, ma tirrizulta l-ebda eccezzjoni fil-mertu u l-kawza certament tiehu svolta favur ir-rikorrent abbazi tal-provi li huwa biss ressaq.

**Ikkunsidrat –**

L-Art.2149 tal-Kap.16 – b'riferenza partikolari ghas-subinciz (c) ighid hekk –

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni* (sottolinear ta' din il-Qorti) *bl-eghluq ta' sentejn :*

*l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginiera civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu.*

Din il-Qorti tghid li din l-eccezzjoni hija nsostenibbli –

Fl-ewwel lok, ghaliex, kuntrarjament ghal dak li l-kuraturi jghidu fl-eccezzjoni taghhom, l-azzjoni ma tista' qatt tkun ("fi kliemhom") perenta, ladarba, kif jirrizulta mil-ligi stess, l-azzjoni hija wahda ta' preskrizzjoni mhux ta' dekadenza.

Fit-tieni lok, ghaliex, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-kuraturi, dak li ir-rikorrent qed jitlob f'din il-kawza hija istanza tieghu li tinkwadra ruhha fl-Art.258 u 259 tal-Kap.12. Ghalhekk dak li qed jigi eccepit b'riferenza ghall-Art.2149(c) tal-Kap.16 mhux applikabbli ghall-fini tal-istanza kif dedotta.

**Ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-kuraturi abbazi tal-Art.2149 tal-Kap.16**.

**Ikkunsidrat -**

L-Art.2156 tal-Kap.16 – b'riferenza partikolari ghas-subinciz (f) ighid hekk –

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu <u>bi preskrizzjoni</u>* (sottolinear ta' din il-Qorti) *bl-eghluq ta' hames snin :*

*l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

Din il-Qorti tghid li din <u>l-eccezzjoni hija nsostenibbli</u> –

<u>Fl-ewwel lok</u>, ghaliex, kuntrarjament ghal dak li l-kuraturi jghidu fl-eccezzjoni taghhom, l-azzjoni ma tista' qatt tkun ("fi kliemhom") perenta, ladarba, kif jirrizulta mil-ligi stess, l-azzjoni hija wahda ta' preskrizzjoni mhux ta' dekadenza.

<u>Fit-tieni lok</u>, ghaliex, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-kuraturi, dak li l-attur qed jitlob f'din il-kawza huwa l-applikazzjoni tal-Art.258 u 259 tal-Kap.12. Ghalhekk dak li qed jigi eccepit b'riferenza ghall-Art.2156(f) tal-Kap.16 mhux applikabbli ghall-fini tal-istanza kif dedotta.

**<u>Ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-kuraturi abbazi tal-Art.2156(f) tal-Kap.16</u>**.

**Ikkunsidrat –**

Ir-rikorrent jallega li huwa baqa' ma thallasx id-drittijiet u l-ispejjes <u>gudizzjarji tieghu</u> fit-tliet kawzi indikati fir-rikors.

L-ammonti li qed jirreklama jirrizultaw fit-tliet taxxi esebiti, wahda ghal kull kawza.

Skond <u>Art.253(c) tal-Kap.12 -</u>

*huma titoli esekuttivi* ...

*<u>taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji</u>, mahruga favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit*

*iehor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux gew attakkati skond il-ligi.*

Jirrizulta li l-proceduri fit-tliet kawzi kienu nstemghu minn Qrati Superjuri. Daqstant iehor jirrizulta li t-taxxi in kwistjoni ma gewx attakkati skond il-ligi.

Skond Art.256(2) tal-Kap.12,

*l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor* (li ma jkunx sentenza) *ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju.*

Skond Art.258(a) tal-Kap.12,

*wara l-gheluq ta' ghaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu ... (c) ... tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' jigi esegwit ... l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu ghadu dovut.*

Skond Art.259(1) tal-Kap.12

*ir-rikors ... hu dejjem mehtieg, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx ghadda z-zmien ...*

Imbaghad is-subinciz (2) tal-istess Art.259 jghid li *meta l-werriet ma jkunx maghruf, jew ikun ghad ma ddikjarax jekk hux bi hsiebu jaccetta l-writ, jigi mahtur kuratur biex jidher ghal dan il-wirt, u l-esekuzzjoni titmexxa kontra dak il-kuratur.*

**Ikkunsidrat -**

Fil-kuntest tal-premess, u abbazi tal-provi akkwiziti, din il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrent kien parti fil-kawzi li wasslu ghall-hrug tat-taxxi in kwistjoni. Irrizulta wkoll li

huwa kreditur ta' Edmea Pace li kienet il-parti avversa fil-kawzi relatati ghal dawk it-taxxi, llum mejta u li l-wirt taghha jirrizulta gjacenti ghar-ragunijiet diga' moghtija. Irrizulta wkoll l-istess gudizzjarji tar-rikorrent mertu ta' dawk it-taxxi baqghu ma thallsux. Fl-ebda stadju ta' din il-procedura, il-kuraturi ma ressqu provi konklussivi sabiex jikkontestaw it-talba. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent ipprova adegwatament l-istanza tieghu sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**<u>Fl-ewwel lok</u> tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-Art.2149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>Fit-tieni lok</u> tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-Art.2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>Fit-tielet lok</u> tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**<u>Fir-raba' lok</u> tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta.**

**<u>Fil-hames lok</u> tordna li in vista tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz ir-rikorrent ghandu jbati l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------